**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 480/2017

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Charlton Chetcuti**

Illum, 31 ta' Lulju, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Charlton Chetcuti detentur tal-karta ta' l-identita' numru 376578M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

**F**'dawn il-Gzejjer, f'Novembru 2017 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda,

1. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn hames t'elef ewro (€5,000), ghad-detriment ta' Romina Spiteri ID. 93381M;

2. U kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalieh jew ghal persuna ohra, s-somma ta' aktar minn ħamest elef euro

(€5,000) taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaga jew li jsir uzu minnha specifikat għad-detriment ta' Romina Spiteri ID. 93381M;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba wkoll sabiex f'każ ta'sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall- ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Novembru, 2017 fejn il-Qorti l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l- imputat Charlton Chetcuti, wara li rat l- atti u d-dokumenti, wara li l- Qorti semgħat l- ammissjoni inkondizzjonata tal- imputat għall-imputazzjonijiet kollha kif miġjuba kontra tiegħu anki wara li ngħata z- zmien skond il-Liġi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni u wara lli semgħat it- trattazzjoni tal- partijiet, il- Qorti ma kelliex triq oħra ħlief li tgħaddi għad- dikjarazzjoni ta' ħtija skond l-imputazzjonijiet kif dedotti. Peress illi t- tieni mputazzjoni ġiet inserita bħala alternattiva l- Qorti sabet lill- imputat ħati tal- ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu u kkundannatu komplessivament għall- piena ta' priġunerija ta' ħmistax (15) il-xahar, liema piena tibqa sospiza għal zmien sentejn (2) ai termini tal- Artikolu 28A tal-Kap 9 tal- Liġijiet ta' Malta.

In oltre, bis- saħħa tal- Artikolu 28H tal- Kap 9 tal- liġi ta' Malta, il- Qorti ordnat lill- ħati Charlton Chetcuti jirrestitwixxi s- somma ta' għoxrin elf ewro (€20,000) lil Romina Spiteri u dana fi zmien sitt xhur mid- data lli ġiet mgħotija din id- direttiva.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fit-23 ta' Novembru, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha **<u>tirriforma</u>** s-sentenza appellata billi:

1. **<u>Tikkonfermaha</u>** f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat Charlton Chetcuti ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu, u

2. **<u>Tirrevoka</u>** f'dik il-parti tas- sentenza konċernanti l- piena li ngħatat fil- kontront tal- appellat u tipprosegwi sabiex tinfliġġi piena li hija fil- parametri tal- liġi.

Rat l-aggravji tal-Avukat Generali u cioe':-

Illi fl-għoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti proċesswali fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom b'mod ċar u manifest in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet enunċjazzjoni u applikazzjoni kompletament żbaljata tal-liġi meta nfliġġiet il-piena fil-konfront tal-appellat liema piena erogata hija taħt il-minimu preskritt mil-liġi;

Illi wara l- iktar emendi reċenti cio e' dawk tal- 2014 l- Artikolu 310 jistipola l- piena ta' priġunerija **minn sentejn sa disa' snin meta l- ammont tal- ħsara magħmula mill- ħati huwa aktar minn ħamest elef euro (€5,000)** u din il- piena tapplika fil- kazijiet imsemmija f' dan is- sub titolu u għalhekk għall- frodi b' egħmil qarrieqi cio e' għall- Artikolu 308 tal- Kap 9 tal- Liġijiet ta' Malta;

Illi minkejja li huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalment dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal-każ **Il-Pulizija vs. Spiru Muscat** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011) intqal illi:

*Issa fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena* ***<u>sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi</u>****. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċizjoni dwar piena li l-Qorti*

*tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'ezami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.(Sottolinear u enfasi tal-esponent)*

*Illi din il-ġurisprudenza ormai ben stabbilita u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-**ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn, inter alia, dik il-piena ma tkunx fil-parametri tal-liġi.*** Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar 2001 (52/2000), fejn il-Qorti qalet li:

*Illi kif ġja rriteniet din il-Qorti kemm il-darba fil-passat, huwa rarament li hi tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan tghamlu biss meta jkun **manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami**, jew tkun xi piena ħarxa wisq jew sproporzjonata għal dak li jkun għamel il-ħati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi. (Sottolinear u enfasi tal-esponent);*

Dana qiegħed jingħad ukoll konsiderando l-fatt li fis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti ma saret l-ebda referenza għall-artiklu wieħed u għoxrin (21) tal-Kodiċi Kriminali, kif del resto l-appellat ma jikkwalifikax biex jibbenefika minn tali artiklu stante li ma jeżistu l-ebda raġunijiet speċjali u straordinarji kif jirrekjedi tali artiklu, sabiex il-Qorti tkun tista' tinżel taħt il-minimu tal-piena preskritta mil-liġi;

Illi F' dan is- sens l- Ewwel Onorabbli Qorti, a Fol. 18 tal- Atti Proċesswali "***tiddikjara li r- reat ta' frodi kif miġjub kontra l- ħati huwa serju, u fejn ma hemmx xi raguni u/ jew ċirkustanza jew ċirkustanzi partikolari, il- ħati ta' reat ta' frodi kif miġjub kontra Charlton Chetcuti, din tkun timmerita piena li tkun ta' deterrent, bħal ma hi piena ta'***

***priġunerija.*** " u b' hekk tissiġilla l- posizzjoni lli l- artikolu wieħed u għoxrin (21) tal-Kodiċi Kriminali ma japplikax għall- kaz in dezamina.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet u l-partijiet qablu l l-piena inflitta mill-ewwel Qorti kienet that il-minimum stabilit mill-ligi stante li l-imputat inghata piena ta' prigunerija sospiza ta' hmistax-il xahar sospizi ghall-zmien sentejn (2), skont l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu appell tal-Avukat Generali dwar kwistjoni ta' piena fejn qed jallega li l-piena erogata mill-ewwel Qorti hija inqas mill-minimu preskrit mill-ligi. Illi l-princpju regolatur hu li Qorti tal-Appell ma tiddisturbax id-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun entro l-parametri tal-ligi w ma tkunx tidher li hi manifestament eccessiva. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**"[1], "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**"[2]] u ohrajn.)

L-appellat kien gie akkzuat quddiem l-ewwel Qorti bir-reat ta' frodi kif kontemplat fl-**artikoli 308 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta Malta. Dan l-artikolu jipprovdi is-segwenti:-

"*Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerqieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmenl-*

[1] Deciza 14 ta' Gunju, 1999

[2] Deciza 24 ta' April, 2003

*eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor,jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwarxi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, metajinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin"*

Jirrizulta pero' li l-skala tal-piena ssir skont l-ammont tal-ħsara li fil- fatt l-artikolu 310(1)(a) jipprovdi s-segwenti:-

310.(1) "*Fil-każijiet imsemmija f'dan is-sub-titolu -(a) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwaaktar minn ħamest elef euro (€5000), il-piena tkun ta'priġunerija minn sentejn sa disa' snin*";

Fil-kaz in desamina l-appellat irregistra ammissjoni quddiem l-ewwel Qorti talli ikkommetta ir-reat ta' frodi ghad-detriment ta' Romina Spiteri fl-ammont ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000) u ghalhekk jiskatta dak li jipprovdi l-artikolu 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk l-Avukat Generali ghandu ragun fl-appell tieghu u din il-Qorti sejra timmodifika is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti.

Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis il-fatturi li jiswew biex iqarrbu l-piena xierqa aktar lejn il-minimum jew lejn il-maximum skont il-każ. Fatturi favur il-ħati huma l-fatt illi l-appellat irregistra ammissjoni ma' l-ewwel opportunita' li nghata u cioe' fil-jum meta sar l-esami kif registat fl-atti nhar is-16 ta Novembru 2017. Illi mill-ewwel għen lill-pulizija fl-istharrig taghha dwar il-każ, li ammetta l-htija tieghu u ta id-dettalji kollha relevanti ghal-kaz sabiex il-prosekuzzjoni tkun tista' tghalaq il-kaz min naha taghha. Il-fatt li l-appellat ghandu fedina penali minkejja li mhux wahda nadifa, m'hix daqstant refrettarja, fejn ghandu zewg convictions registrati fuqha, wahda tirrisali ghas-sena 2007 meta instab hati talli zamm fuq il-persuna tieghu arma tan-nar minghajr ma kien awtorizzat mill-Kummissarju tal-Pulizija ghaz-zamma taghha u fejn gie kkundannat

ihallas multa ta' hamsin euro (€50) u reat iehor registrat fis-sena 2016 dwar ksur tal-Ordinanza tal-ligi tal-VAT, fejn ukoll gie kkundannat ihallas multa, din id-darba ta' seba' mitt euro (€700). In oltre l-appellat stqarr li kien lest li jghamel tajjeb ghad-danni sofferti mill-vittma Romina Spiteri kif registrat fl-atti, fl-ewwel seduta nhar is-16 ta Novembru 2016 ( fol. 3).

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi ghandha tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w filwaqt li tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata moghtija fl-ismijiet premessi nhar is-16 ta' Novembru, 2017 billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat u sabet htija kontra l-appellat Charlton Chetcuti , thassaraha w tirrevokaha f'dik il-parti fejn il-Qorti erogat il-piena w wara li rat l-artikoli tal-Ligi u cioe' l-atikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u s-serjeta' tar-reat, tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' sentejn prigunerija sospiza ghal tlett snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ordni tal-Ewwel Qorti taht l-artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-appellant jirrestitwixxi s-somma ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000) lil Romina Spiteri, tibqa' in vigore, madanakollu is-sitt xhur zmien sabiex l-appellant jghamel dan jibdew jiddekorru m'illum.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef